**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 27 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 929/2024 JVC**

**Annunziata sive Lona Galea (K.I. Nru. 295102L)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Annunziata sive Lona Galea talbet kif isegwi:

'Illi l-esponenti Annunziata Galea twieldet nhar is-17 ta' Ġunju 1962 f'Footscray Melbourne Victoria l-Awstralja;

Illi fl-att tat-twelid tal-esponenti f'Malta, l-esponenti ġiet irreġistrata bl-isem Annunziata u dan kif jidher mill-anness Dok A;

Illi l-esponenti hija ċittadina Maltija u dan skont l-anness Dok B;

Illi l-esponenti ilha ħajjitha kollha, sa minn ċkunita, magħrufa u msejħa bħala 'Lona' tant illi anke dokumenti skolastiċi li jmorru lura għall-1967 hija kienet magħrufa bl-isem ta' 'Lona' u mhux 'Annunziata' (Dok C);

Illi f'Diċembru 2008, l-esponenti rreġistrat deed poll fir-reġistru tat-twelid, mewt u żwiġijiet u dan kif indikat fl-anness Dok D;

Illi l-isem tal-attriċi huwa rikonoxxut fid-dokumenti uffiċjali tagħha inkluż fiċ-ċertifikat tat-twelid Awstraljan li qed jiġi anness u mmarkat Dok E;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-isem l-esponenti li ilha magħrufa bih, konsistentament tul ħajjitha hu dak ta' 'Lona' u mhux Annunziata ai termini tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tordna biex jiġi effetwat it-tibdil relattiv dwar l-isem tar-rikorrenti minn 'Annunziata' għal 'Lona' b'dan illi tali bdil jiġi effetwat fl-Att ta' Twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn u disgħa mija wieħed u ħamsin (2951/02), att taż-Żwieġ

u taċ-Ċittadinanza Maltija u kwalunkwe att pubbliku ieħor, kemm taħt il-kolonna tal-ismijiet mogħtijin, kif ukoll taħt il-kolonna tal-isem li għandu jiġi msejjaħ bih'.

U dan salv kull provvediment ieħor u opportun li jidrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa stess huwa nġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi r-rikorrenti naqset milli tippreżenta l-Att tat-Twelid sħiħ, iżda ppreżentat biss estratt, liema estratt ma jinkludiex il-partikolaritajiet kollha, u l-anqas l-istess intestatura tal-kolonni tal-Att tat-Twelid bin-numru **2951/2002**, u għal kull buon fini l-esponent qiegħed jippreżentah bħala **Dok. DRP 1**;

3. Illi di piu;, d-*Deed Poll* maħruġ mill-Awstralja (Dok. D anness mar-rikors promotur) huwa biss it-tieni paġna taċ-Ċertifikat tat-Twelid tagħha li juri l-annotazzjonijiet li saru matul iż-żmien, u għalhekkm'huwiex id-dokument li permezz tiegħu hija bidlet isimha, u għalhekk ikun għaqli, u fl-interess tal-

ġudizzju, illi kopja kompluta ta' dan l-att tiġi preżentata fl-atti tal-kawża odjerna mir-rikorrenti;

4. Illi r-rikorrenti naqset ukoll milli tippreżenta l-Atti kollha ta' Stat Ċivili fejn isimha huwa ndikat bħala 'Annunziata', u in vista għan-natura tat-talbiet tagħha, għandha tippreżentahom fl-atti ta' din il-kawża;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

6. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

7. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi,* skont l-Att tat-Twelid bin-numru **2951/2002,** jidher li r-rikorrenti, twieldet ġewwa l-Awstralja nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju 1962, liema Att tat-Twelid Awstraljan ġie reġistrat Malta, *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili, fejn l-esponent kien obbligat jirreplika l-partikolaritajiet kollha hekk kif kienu indikati fuq l-istess Att *ad verbatim*;

8. Illi skont l-istess Att tat-Twelid, taħt il-kolonna 'Ismijiet mogħtija', hemm indikat biss l-isem **'Annunziata'**, u dana skont kif ġie dikjarat minn missier ir-rikorrenti 'Stephen Zerafa' meta ġie reġistrat l-Att f'Malta nhar it-tlieta u għoxrin (23) t'Awwissu 2002. Għaldaqstant ma jidher illi sar ebda żball mill-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġie reġistrat dan l-Att tat-Twelid;

9. Illi għajr għal dawk l-Atti ddikkjarati mir-rikorrenti, li fuqhom talbet li jiġu affettwati t-tibdiliet neċessarji, fl-interess tal-ġudizzju l-esponent Direttur jirrileva li r-rikorrenti naqset milli tagħmel referenza għall Atti ta' Stat Ċivili tagħha kollha, fejn isem ir-rikorrenti bħala 'Annunziata', ġie indikat ukoll fuq l-Atti tat-Twelid ta' wliedha bin-numri **1579/1986** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 2) **u 4572/1994** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 3)**,** fuq l-Atti taz-Żwieġ ta' wliedha bin-numri **3188/2017** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 4) **u 1596/2022** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 5) rispettivament**,** u anke fuq l-Att tat-Twelid tan-neputi tagħha bin-numru **6825/2021** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 6);

10. Illi mill-Atti kollha suċitati, ma jirriżultax illi qatt kien imniżżel, jew qatt kien hemm riferenza għall-isem 'Lona';

11. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għat-talbiet magħmulha mir-rikorrenti, salv it-tieni talba, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta sal-grad rikjest mil-liġi li r-rikorrenti, għal kuntrarju ta dak li hu mniżżel fl-Atti ta' Stat Ċivili mniżżla mir-rikorrenti, kif ukoll dawk miġjuba a konjizzjoni tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti mill-esponent Direttur, hija verament **kienet u għadha** konsistentement magħrufa u imsejħa bl-isem **'Lona'** u mhux bl-isem **'Annunziata';**

12. Illi **fir-rigward tat-tieni talba**, sabiex l-esponent Direttur, ikun f'pożizzjoni li jirrifletti t-tibdil fl-Att tat-Twelid, u fuq l-Atti ta' Stat Ċivili oħra relattivi, jekk dejjem dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba preċedenti, jkun jeħtieġ illi r-rikorrenti, **tikkonferma l-Atti kollha ta' Stat Ċivili li fuqhom jeħtieġ li jsir tibdil f'isimha, u fl-istess nota tispeċifika n-numru**

**progressiv u s-sena ta' kull wieħed, u dana sabiex l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku ikun f'pożizzjoni illi jagħmel l-annotazzjonijiet rispettivi fuq dawn l-Atti ta' Stat Ċivili**;

13. Illi in vista tat-tieni talba suċitata, l-esponent Direttur ikun jista' jaffettwa t-tibdiliet fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru **1057/1984** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 7)**,** jekk ir-rikorrenti tikkonferma n-numru progressiv tal-istess Att, tant illi dan ma ġiex imniżżel fir-rikors promotur, u fit-talbiet tagħha;

14. Illi *di piu'* kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponent Direttur jirrileva li għal kuntrarju ta' dak mitlub mir-rikorrenti, huwa m'għandux is-setgħa legali sabiex jaffettwa tibdiliet *qua* korrezzjonijiet fiċ-Ċertifikat taċ-Ċittadinanza Maltija (preżentat mir-rikorrenti bħala Dok.B) stante illi dan mhux meqjus bħala Att ta' Stat Ċivili u b'hekk m'huwiex Att li jiġi reġistrat mill-esponent Direttur;

15. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 11 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat partikolarment id-*deed poll* esebit a fol 8 u 9 tal-proċess li ma jħallu ebda dubju li llum il-ġurnata r-rikorrenti hija magħrufa bl-isem ta' 'Lona' u mhux 'Annunziata'.

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrenti fejn hija wkoll tikkonferma li hija magħrufa bl-isem ta' 'Lona' u mhux 'Annunziata'. Rat l-affidavit ta' ommha Antonia Zerafa li tikkonferma l-istess esebit fl-atti. Rat ukoll l-affidavit tar-raġel tagħha a fol. 28 tal-proċess li kollha huma fuq l-istess linja li hija magħrufa bl-isem ta' 'Lona' u mhux 'Annunziata'. Rat in-nota biċ-ċertifikati annessi esebita llum stess.

Illi in vista ta' dan kollu suespost il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad ir-risposta tad-Direttur intimat rimanenti sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem ir-rikorrenti li ilha magħrufa bih, konsistentement tul ħajjitha hu dak ta' 'Lona' u mhux Annunziata fit-termini tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti u tordna biex jiġi effetwat it-tibdil relattiv dwar l-isem tar-rikorrenti minn 'Annunziata' għal 'Lona' b'dan illi tali bdil jiġi effetwat:
   (i) fl-att ta' Twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni tnejn, disa', hamsa, wiehed tas-sena efejn u tnejn (2951/02),
   (ii) fl-att taż-Żwieġ tagħha li jġib in-numru ta' iskrizzjoni wiehed, zero, hamsa, seba' tal-elf disgħa mija u erbgħa u tmenin (1057/1984),
   (iii) fl-att ta' twelid ta' bintha Christy Galea li jġib in-numru tal-iskrizzjoni erba', hamsa, seba' tnejn, tal-elf disa' mija u erbgħa u disgħin (4572/1994);
   (iv) ċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' bintha Christy Galea ma' Christopher Busuttil li jġib in-numru tal-iskrizzjoni wieħed, ħamsa, disa' sitta tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (1596/2022);
   (v) fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Glen Galea li jġib in-numru tal-iskrizzjoni wieħed, ħamsa, seba' disa' tal-elf disgħa mija u sitta u tmenin (1579/1986),
   (vi) iċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' Glen Galea flimkien ma' Caroline Galea nee Borg li jġib in-numru tal-iskrizzjoni tlieta, wieħed, tmienja, tmienja, tas-sena elfejn u sbatax (3188/2017),
   (vii) fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Thomas Galea neputi tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' sitta, tmienja, tnejn, ħamsa tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (6825/2021),
   (viii) fiċ-ċertifikat ta' adozzjoni ta' Sophie Busuttil neputija tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' iskrizzjoni tnejn, seba', sitta, ħamsa tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin u fiċ-ċertifikat (2765/2025) u
   (ix) fiċ-ċertifikat ta' adozzjoni Benjamin Busuttil neputi tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' iskrizzjoni tnejn, seba',

sitta, erba' tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin u fiċ-ċertifikat (2764/2025);

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Frar 2025**